PARLAMENT EWROPEW

*2004* *2009*

*Dokument ta' sessjoni*

26.3.2009 B6-0173/2009

# MOZZJONI GĦAL RIŻOLUZZJONI

imressqa biex jingħalaq id-dibattitu dwar id-dikjarazzjonijiet mill-Kunsill u mill-Kummissjoni

skont l-Artikolu 103(2) tar-Regoli ta' Proċedura

minn Tobias Pflüger

f'isem il-Grupp GUE/NGL

dwar it-trattat internazzjonali għall-protezzjoni tal-Artiku

**B6-0173/2009**

**Riżoluzzjoni tal-Parlament Ewropew dwar it-trattat internazzjonali għall-protezzjoni tal-Artiku**

*Il-Parlament Ewropew*,

– wara li kkunsidra s-Sena Internazzjonali Polari (IPY), inizjattiva konġunta tal-Organizzazzjoni Meteoroloġika Dinjija u l-Kunsill Internazzjonali għax-Xjenza bil-għan li tipprovdi osservazzjoni u komprensjoni aħjar tar-reġjuni polari tad-Dinja,

– wara li kkunsidra l-Komunikazzjoni tal-Kummisssjoni dwar l-Unjoni Ewropea u r-reġjun tal-Artiku (COM(2008)0763),

– wara li kkunsidra l-Konferenza "Arctic Transform" li saret fi Brussell fil-5 ta' Marzu 2009,

– wara li kkunsidra r-riżoluzzjoni tiegħu tad-9 ta' Ottubru 2008 dwar il-governanza tal-Artiku,

– wara li kkunsidra l-Artikolu 103(2) tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu,

A. billi r-reġjun tal-Artiku fil-preżent mhuwiex imħares minn normi u regolamenti multilaterali,

B. billi li t-traffiku marittimu fl-ibħra tal-Artiku żdied bid-dieher f'dawn l-aħħar snin billi żdied l-interess fit-tħaffir f'baħar miftuħ u minħabba li kulma jmur qegħdin jgħaddu l-vapuri tal-passiġġieri aktar sikwit, kif ukoll minħabba l-prospetti li joffri l-Passaġġ tal-Majjistral,

C. billi r-reġjun tal-Artiku jista' jkun fih madwar 20% tar-riżervi dinjija ta' żejt u gass li għadhom ma ġewx skoperti, b'dak kollu li jimplika dan għall-ambjent uniku tal-Artiku jekk dawn ir-riżervi jiġu sfruttati b'mod kummerċjali,

D. billi l-bidliet fil-kundizzjonijiet klimatiċi tal-Artiku huma tali li l-poplu Inuit, pereżempju, ma jistax jibqa' jmur għall-kaċċa bil-mod tradizzjonali, billi s-silġ huwa rqiq wisq biex jiflaħ is-slitti tagħhom, filwaqt li annimali selvaġġi bħall-orsijiet bojod, walrusijiet u volpijiet jinsabu fil-periklu li jaraw il-ħabitats tagħhom jgħosfru,

E. billi l-eżistenza ta' ġurisdizzjonijiet differenti fir-reġjun tal-Artiku ġġib magħha l-periklu li jfaqqgħu kunflitti kbar bejn il-pajjiżi,

F. billi n-newtralizzazzjoni ġeopolitika tar-reġjun tippermetti żieda fil-koperazzjoni bejn in-nazzjonijiet ċirkumpolari,

1. Jistieden lill-Kunsill u lill-Kummissjoni biex jibdew negozjati internazzjonali għall-adozzjoni ta' trattat internazzjonali għall-ħarsien tal-Artiku, fuq il-linji tat-Trattat tal-Antartiku eżistenti, sabiex ir-reġjun tal-Artiku jsir żona ta' paċi u koperazzjoni riżervata

biss għall-attivitajiet ta' paċi;

2. Jenfasizza li għandhom isiru sforzi biex tiġi evitata żieda fil-preżenza militari fl-Artiku u biex issir ħidma għad-demilitarizzazzjoni taż-żona sabiex ir-reġjun tal-Artiku jinżamm b'tensjoni baxxa;

3. Jitlob lill-Kummissjoni u lill-Kunsill biex, minħabba l-vulnerabilità tal-ambjent Artiku, jistabilixxu, bħala l-ewwel pass, moratorju għal 50 sena dwar kull esplorazzjoni jew espansjoni tal-estrazzjoni tar-riżorsi minerali fir-reġjun;

4. Iħeġġeġ lill-Kummissjoni biex tiggarantixxi li jiġu ssikkati r-regoli internazzjonali dwar is-sikurezza tat-traffiku marittimu fil-partijiet partikolarment sensittivi tar-reġjun, bl-introduzzjoni ta' emendi xierqa għar-regolamenti tal-Organizzazzjoni Marittima Internazzjonali (IMO) u billi taħdem biex ikun stabbilit "Kodiċi Polari għan-Navigazzjoni fl-Artiku", u jitlob għat-twaqqif, taħt awtorità internazzjonali, ta' faċilitajiet ta' rmunkar, salvataġġ, u rispons għal inċidenti u diżastri fl-Oċean Artiku;

5. Jistieden lill-Kummissjoni biex tibda negozjati mal-awtoritajiet Russi, Kanadiżi u tal-Istati Uniti biex jiġu ggarantiti l-libertà tan-navigazzjoni u d-dritt tal-passaġġ u biex tiġi żgurata s-sostenibilità ambjentali ta' rotot ġodda ta' tbaħħir;

6. Huwa mħasseb sew dwar l-effetti tal-bidla fil-klima fuq is-sostenibilità tal-ħajjiet tal-popli indiġeni fir-reġjun, kemm rigward l-ambjent ġenerali (it-tidwib tal-għata polari tas-silġ u l-permafrost, il-livelli tal-baħar li qegħdin jogħlew u l-għargħar) u kemm rigward il-ħabitat naturali (l-għata polari li dejjem qiegħed jirtira joħloq problemi għad-drawwiet alimentari tal-orsijiet bojod), u jenfasizza li kull deċiżjoni internazzjonali marbuta ma' dawn il-kwistjonijiet għandha tinvolvi u tqis bis-sħiħ lill-popli u n-nazzjonijiet kollha tal-Artiku;

7. Jiġbed l-attenzjoni għall-fatt li l-bidliet fil-firxiet tas-silġ tal-Artiku se jkollhom impatt fuq il-livelli globali tal-baħar, li se jolqot il-bliet ta' mal-kosta u żoni baxxi, filwaqt li d-degradazzjoni termali tal-permafrost se tillibera riżervi vasti ta' karbonju ffriżat, li parti minnhom, bħala metanu, se tkabbar l-effett globali tal-gassijiet b'effett ta' serra; jistieden, għalhekk, lill-Kummissjoni u lill-Kunsill biex jiggarantixxu li r-reġjun tal-Artiku, minħabba l-impatt tiegħu fuq il-klima dinjija u l-ambjent naturali uniku tiegħu, jingħata kunsiderazzjoni speċjali meta l-UE tifformola l-pożizzjoni tagħha għall-Konferenza tan-NU COP 15 dwar il-Bidla fil-Klima, li għandha ssir f'Kopenħagen f'Diċembru 2009;

8. Jagħti istruzzjonijiet lill-President tiegħu biex jgħaddi din ir-riżoluzzjoni lill-Kunsill, lill-Kummissjoni, lill-gvernijiet tal-Istati Membri, tan-Norveġja, tal-Iżlanda, tar-Russja, tal-Kanada u tal-Istati Uniti, kif ukoll lill-parteċipanti tal-koperazzjoni reġjonali.